KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 11.9.2008
KUMM(2008)561 finali

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-KUMMISSJONI

RAPPORT TA' PROGRESS TAL-POLITIKA SPAZJALI EWROPEA

WERREJ

1. Introduzzjoni ... 3

2. Applikazzjonijiet spazjali ... 3

2.1. Programmi ta' navigazzjoni radjosatellitari: GALILEO / EGNOS ... 3

2.2. Osservazzjoni tad-Dinja: GMES ... 5

2.3. Sikurezza u Difiża ... 6

3. Fondazzjonijiet fl-Ispazju ... 8

3.1. Xjenza u Teknoloġija ... 8

3.2. Aċċess għall-ispazju ... 8

3.3. Esplorazzjoni tas-Sistema Solari, l-Istazzjon Spazjali Internazzjonali u Titjiriet Spazjali tal-Bnedmin ... 9

4. Industrija Spazjali Ewropea kompetittiva ... 10

5. Governanza ... 11

5.1. Qafas istituzzjonali u finanzjarju ... 11

5.2. Programm Spazjali Ewropew ... 11

5.3. Relazzjonijiet Internazzjonali ... 11

6. Kwistjonijiet Emerġenti ... 12

6.1. Kodiċi ta' Mġiba tan-NU għal attivitajiet fl-ispazju ... 12

6.2. Sikurezza ta' infrastruttura spazjali u Kuxjenza tas-Sitwazzjoni fl-Ispazju ... 12

ANNEX Elements for a European Strategy for International Relations in Space ... 14

I. Background ... 14

II. Principles ... 15

III. Objectives ... 16

IV. Methodology ... 16

1. INTRODUZZJONI

Wara l-adozzjoni tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill Spazjali f'Mejju 2007, dan ir-Rapport jipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-progress ewlieni milħuq fl-ewwel sena tal-implimentazzjoni tal-Politika Spazjali Ewropea (ESP), kif ġie elaborat mill-Kummissjoni Ewropea u d-Direttur Ġenerali tal-Aġenzija Spazjali Ewropea (COM(2007)212). Il-bżonn li titwaqqaf Politika Spazjali Ewropea kien appoġġjat ukoll mill-Kapijiet tal-Istat u tal-Gvern tal-UE. L-Istati Membri tal-UE u l-ESA enfasizzaw li l-implimentazzjoni ulterjuri tal-programmi GALILEO u GMES, l-iżvilupp ta' Strateġija dwar ir-Relazzjonijiet Internazzjonali fl-Ispazju u l-bżonn li jiġu żviluppati strumenti adegwati u skemi ta' funzjonament għall-azzjonijiet Komunitarji fil-qasam tal-ispazju għandhom ikunu l-ewwel prijoritajiet, segwiti minn koordinament u sinerġiji aħjar bejn programmi u teknoloġiji spazjali ċivili u tad-difiża, f'approċċ immexxi mill-utent. Dan ir-rapport jiddeskrivi kemm il-passi importanti 'l quddiem li saru minn Mejju 2007 kif ukoll l-azzjonijiet ulterjuri li huma prijoritajiet fil-perjodu li ġej.

2. APPLIKAZZJONIJIET SPAZJALI

2.1. Programmi ta' navigazzjoni radjosatellitari: GALILEO / EGNOS

GALILEO u EGNOS[1] huma **investimenti Ewropej f'infrastruttura Ewropea essenzjali** għal applikazzjonijiet kruċjali bħall-kontroll tal-fruntieri, il-ġestjoni u l-loġistika tat-trasport, operazzjonijiet finanzjarji u s-sorveljanza tal-infrastrutturi kritiċi tal-enerġija u l-komunikazzjonijiet. Fi tmiem l-2007, il-Kunsill tal-UE laħaq konklużjonijiet dwar **l-għoti ta' profili ġodda** u dwar l-iżvilupp futur ta' programmi ta' navigazzjoni radjosatellitari, inklużi aspetti ta' governanza u akkwist, ibbażati fuq **finanzjament pubbliku sħiħ tal-UE għall-fażi ta' applikazzjoni**.

Governanza

Il-governanza pubblika tal-programmi għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipju ta' diviżjoni stretta ta' responsabilitajiet bejn il-Kummissjoni Ewropea, l-Awtorità Ewropea Superviżorja GNSS (GSA) u l-ESA. Il-Kummissjoni Ewropea se tkun responsabbli għall-ġestjoni ġenerali tal-programmi bħala l-Maniġer tal-Programm GNSS Ewropew. L-ESA se tagħmilha ta' aġent għall-akkwisti għall-Kapaċita Operattiva Sħiħa ta' GALILEO (FOC), u bħala aġent tat-tfassil għall-programmi. Il-GSA, b'konformità mal-linji gwida maħruġa mill-Kummissjoni, se tlesti xi ħidmiet speċifiċi relatati mal-programmi. Barra minn hekk, se jitwaqqaf Bord Interistituzzjonali ta' GALILEO (GIP) ġdid b'rappreżentanti tal-Kunsill, tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni biex isegwi l-programmi.

L-implimentazzjoni tal-programm

Intlaħaq progress tekniku importanti fl-iżvilupp u fil-fażi tal-validazzjoni fl-orbita tal-programm GALILEO. GIOVE-B, it-tieni satellita sperimentali GALILEO, ġiet illanċjata b'suċċess fis-27 ta' April 2008. Hija se taħdem flimkien mal-ewwel satellita sperimentali

[1] Is-Servizz Overlay tan-Navigazzjoni Ġeostazzjonarja Ewropea (EGNOS)

GALILEO, GIOVE-A u se jkollha teknoloġiji kritiċi ġodda li jridu jiġu ttestjati fl-ispazju u li huma meħtieġa għar-rendimenti tas-sistemi GALILEO, l-ewwel fosthom l-iktar arloġġ atomiku preċiż li qatt intbagħat fl-orbita.

Il-fondi Komunitarji addizzjonali[2] allokati għall-implimentazzjoni tal-programmi GALILEO u EGNOS huma ta' 3405 M€ għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2013. L-ewwel erba' satelliti operattivi GALILEO se jiġu llanċjati fl-2010, u sa dak iż-żmien l-infrastruttura ta' kontroll mill-art relatata se tkun twaqqfet ukoll.

B'konformità mar-Regolament GNSS Ewropew[3], il-Kummissjoni u l-ESA nedew is-sejħa għall-offerti għall-akkwist tas-26 satellita li jifdal u l-infrastruttura tal-kontroll mill-art fl-1 ta' Lulju 2008. Il-kapaċità operattiva sħiħa ta' GALILEO (30 satellita + stazzjonijiet fuq l-art) hija mmirata għall-2013.

Fl-istess ħin, l-infrastruttura EGNOS qiegħda tibda titħaddem progressivament u f'fażijiet. EGNOS qiegħed jissorvelja u jikkoreġi s-sinjali emessi minn sistemi ta' navigazzjoni satellitari globali biex jaddattahom għal applikazzjonijiet ta' navigazzjoni kritika ta' sigurtà. It-trasferiment ta' assi EGNOS mill-ESA lill-Komunità Ewropea hija mistennija sseħħ fil-bidu tal-2009.

Kooperazzjoni internazzjonali

Il-Kummissjoni Ewropea u l-ESA stabbilew kooperazzjoni internazzjonali biex jiżguraw aċċess xieraq għar-riżorsi (frekwenzi, teknoloġiji, ospitar ta' stazzjonijiet fuq l-art) meħtieġa għall-bini ta' infrastrutturi EGNOS u GALILEO.

Kwistjonijiet ewlenin għal quddiem:

- It-tlestija tal-fażi ta' validazzjoni fl-orbita permezz tat-tħejjija u l-illanċjar tal-ewwel erba' satelliti operattivi GALILEO sal-2010;
- L-implimentazzjoni tal-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2007 dwar l-għoti ta' profil ġdid lil GALILEO, inklużi l-arranġamenti ta' governanza u l-ftehimiet rilevanti mal-ESA;
- It-tlestija tas-sejħa għall-offerti għall-akkwist tas-26 satellita operattiva GALILEO u l-infrastruttura tal-kontroll mill-art assoċjata magħha;
- Miżuri politiċi u regolatorji ta' akkumpanjament fid-dawl ta' fatturi bħar-responsabilità ta' terzi u kontroll tal-esportazzjoni, aċċess għas-Servizz Regolat Pubbliku, u l-immaniġġjar tal-fażi ta' sfruttament tal-programm.
- It-tkomplija tal-promozzjoni ta' applikazzjonijiet li jieħdu vantaġġ sħiħ minn EGNOS u, fil-ġejjieni, tas-servizzi GALILEO inklużi sistemi tat-trasport intelligenti. Il-Kummissjoni tipproponi Pjan ta' Azzjoni rilevanti u Pjan Ewropew għan-Navigazzjoni bir-Radju, wara l-pubblikazzjoni f'Diċembru 2006 tal-Green Paper dwar l-applikazzjonijiet ta' navigazzjoni satellitari.

---

2 Arranġamenti finanzjarji għall-fażijiet ta' żvilupp u IOV jinsabu fis-seħħ minn finanzjament TEN-T.

3 683/2008; ĠU L196 tal-24 ta' Lulju 2008

2.2. Osservazzjoni tad-Dinja: GMES

GMES - inizjattiva Ewropea għall-**Monitoraġġ Globali għall-Ambjent u s-Sikurezza** - qiegħed jinbena b'approċċ magħmul minn fażijiet, immirat lejn servizzi ta' osservazzjoni tad-Dinja partikolari biex jiġu koperti l-bżonnijiet taċ-ċittadini Ewropej fl-oqsma tal-ambjent, is-sikurezza u r-rispons għall-emerġenzi u l-bdil fil-klima.

Servizzi

Il-GMES jirrikjedi l-integrazzjoni tad-dejta minn kapaċitajiet ta' osservazzjoni tad-Dinja bbażati fl-ispazju jew *in-situ* f'servizzi ta' applikazzjoni Ewropej operattivi. Tliet servizzi GMES fl-oqsma tar-*Rispons għall-Emerġenzi, Monitoraġġ tal-Art u tal-Baħar* se jkunu preoperattivi as tmiem l-2008. Tnieda wkoll ix-xogħol dwar *l-identifikazzjoni tar-rekwiżiti għas-servizzi tas-sikurezza, dwar* l-iżvilupp ta' *Servizz Pilota tal-Atmosfera* addizzjonali, kif ukoll dwar il-kontribut potenzjali ta' GMES biex jiġi indirizzat il-bdil fil-klima.

L-ittrattar tal-bdil fil-klima u sfidi ambjentali oħrajn jiddependi minn iktar riċerka fil-ftehim ta' dawn il-fenomeni u dwar il-valutazzjoni ta' dejta affidabbli minn varjetà ta' sorsi, l-iktar satelliti. Il-forniment u analiżi kontinwa u sostnuta ta' dejta ta' kwalità għolja dwar varjabbli essenzjali tal-klima (ECVs) huma appoġġjati minn programmi rilevanti ta' EUMETSAT u ESA. Inizjattiva ESA għall-Bdil fil-Klima qiegħda titħejja, fid-dawl tal-Kunsill Ministerjali ESA ta' Novembru 2008, li għandu fil-mira l-konsolidazzjoni u l-preservazzjoni tal-arkivji tagħha ta' 30 sena ta' dejta ta' osservazzjoni tad-Dinja biex jiġu appoġġjati u rianalizzati l-proċessi ta' ċentri ta' riċerka fil-klima.

Matul il-fażi preoperattiva 2008-2010 tal-GMES, il-forniment tad-dejta kkoordinata għas-servizzi tal-GMES matul dan il-perjodu ġie ggarantit permezz ta' 48 M€ għotja tal-KE lill-ESA. EUMETSAT iddeċidiet ukoll li d-dejta u l-prodotti kollha mis-satelliti operattivi u l-arkivji tagħha għandhom ikunu liberament disponibbli fuq GMES matul dan il-perjodu.

B'mod ġenerali, għat-twaqqif tas-servizzi GMES, mill-2002 sal-2009, ġew iddedikati 100 M€ lill-Element tas-Servizzi GMES (GSE) tal-ESA. It-tema tal-Ispazju FP7 iddedikat 35 M€ fl-2007 u 70 M€ fl-2008 għall-iżvilupp ulterjuri u l-konsolidazzjoni tas-servizzi GMES.

Qafas programmatiku u istituzzjonali

Il-Kunsill Spazjali ta' Mejju 2007 għaraf li, wara għaxar snin ta' finanzjament fl-R&D, il-GMES issa hemm bżonn li tersaq fermament lejn bażi operattiva sabiex tiżgura d-disponibilità tagħha fit-tul.

Is-sostenibilità ta' GMES tirrikjedi ġestjoni adegwata u qafas istituzzjonali. Il-GMES huwa bbażat fuq bosta komponenti interkonnessi (komponent tas-servizz, komponent tal-ispazju, komponent *in-situ*) li jipproduċu dejta u tagħrif għall-utenti u għall-ipproċessar ulterjuri mis-settur tas-servizzi fil-livell suċċessiv. Il-Kummissjoni qiegħda tippjana li tipproponi governanza xierqa u skemi finanzjarji f'Komunikazzjoni lill-Kunsill tal-UE u l-Parlament Ewropew fil-ħarifa 2008.

L-infrastruttura *in-situ* tal-GMES hija proprjetà tal-Istati Membri u tal-awtoritajiet lokali jew reġjonali tagħhom. Għalhekk se jintalbu impenji minn dawn l-awtoritajiet biex tkompli d-disponibilità tad-dejta. Grupp ta' Ħidma ta' Osservazzjoni *In-Situ* magħmul minn

rappreżentanti tal-Istati Membri, u appoġġjat mill-Aġenzija Ambjentali Ewropea (EEA), twaqqfet biex tindirizza l-kwistjonijiet relatati mal-koordinament tal-infrastruttura Ewropea u l-armonizzazzjoni tal-iskambju tad-dejta.

Progress dwar il-komponent tal-ispazju

L-ESA hija responsabbli għall-koordinament tal-kontributi Ewropej għall-Komponent Spazjali GMES (GSC), b'konformità mal-bżonnijiet tal-utenti. Hija se timplimenta l-iżvilupp ta' sett ta' satelliti (is-Sentinelli) u l-parti fuq l-art relatata magħha permezz tal-Programm GSC tal-ESA.

Il-kontribut Komunitarju għall-Programm GSC tal-ESA huwa implimentat permezz ta' ftehim bejn il-KE u l-ESA li jibda b'419-il M€ għall-'Parti 1' tal-GSC ta' 1320 M€. Hija mistennija li tiġi konkluża emenda għall-Ftehim biex tkopri l-kontribut Komunitarju mistenni ta' 205 M€ oħra għall-'Parti 2' tal-GSC, li se tintbagħat għall-approvazzjoni lill-Kunsill Ministerjali tal-ESA ta' Novembru.

Kooperazzjoni internazzjonali

Il-qasam meteoroloġiku diġà wera li, biex jiġi żgurat l-aċċess għal varjetà kbira ta' dejta fil-livell globali, l-Ewropa għandha bżonn li ssib il-bilanċ ġust bejn kapaċità ta' osservazzjoni tad-Dinja awtonoma u involviment f'kooperazzjoni bejn pajjiżi terzi, b'mod partikolari dwar il-koordinament ta' infrastruttura ta' osservazzjoni tad-Dinja u l-iskambju tad-dejta. Fil-livell multilaterali, l-Ewropa diġà hija impenjata bis-sħiħ fil-proċess GEOSS[4], u l-GMES hija ddefinita bħala l-kontribut ewlieni Ewropew għal dan il-proġett internazzjonali.

F'Diċembru 2007, tnieda l-"Proċess ta' Liżbona dwar il-GMES u l-Afrika", bi tweġiba għat-talbiet mill-Unjoni Afrikana biex jiġu integrati r-rekwiżiti tal-utenti Afrikani fis-servizzi GMES.

Kwistjonijiet ewlenin għal quddiem:

- Iż-żamma ta' rabta konkreta bejn li jiġu stabbiliti r-rekwiżiti tal-utenti u l-iżgurar tal-iżvilupp ulterjuri tas-servizzi u l-infrastruttura, f'mod effiċjenti fl-infiq;
- Tisħiħ tal-koordinament u l-impenn konġunt mill-partijiet interessati kollha, speċjalment dawk tal-Istati Membri għall-infrastruttura *in-situ*;
- Il-ksib ta' impenn tal-Istati Membri tal-ESA u l-Komunità Ewropea għall-finanzjament tal-'Parti 2' tal-GSC;
- L-iżvilupp ulterjuri tal-qafas istituzzjonali, finanzjarju u programmatiku futur (governanza) għall-GMES bħala entità sħiħa u għall-komponenti tagħha tas-servizz, spazjali u *in-situ*. Dan il-qafas se jipprovdi bażi għas-sostenibilità operattiva tiegħu.

2.3. Sikurezza u Difiża

Il-kapaċitajiet spazjali Ewropej saru **għodod ta' tagħrif kritiku** għall-indirizzar ta' diversità ta' **sfidi ambjentali, ekonomiċi u ta' sikurezza** ta' skala globali jew reġjonali.

[4] Sistema tas-Sistemi ta' Osservazzjoni Globali tad-Dinja

Aċċess awtonomu għat-tagħrif li jiġi mill-ispazju huwa għalhekk **vantaġġ strateġiku għall-UE**. L-UE se jkollha bżonn issaħħaħ iktar il-kapaċità tagħha biex tirreaġixxi għal dawn l-isfidi, **inklużi fl-oqsma ta' sikurezza u difiża**, kemm permezz ta' koordinament imtejjeb u permezz tal-iżvilupp ta' kapaċitajiet proprji.

L-importanza ta' kapaċitajiet spazjali Ewropej bħala vantaġġi strateġiċi ġiet enfasizzata mir-rapport tal-2008 mir-Rappreżentanza Għolja tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-**impatt tal-bidla fil-klima fuq is-sikurezza internazzjonali**. Fl-istess waqt, programmi spazjali bħal GMES u GALILEO għandhom **kapaċità b'użu multiplu** u jista' jkollhom ukoll, flimkien mal-kapaċitajiet ta' **sikurezza ċivili** tagħhom, **utenti militari**.

Fil-qafas tal-prinċipji eżistenti tal-UE u tal-kompetenzi istituzzjonali, il-Kummissjoni Ewropea u s-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-UE bħalisas qegħdin jaħdmu fuq l-identifikazzjoni tar-rekwiżiti rilevanti tal-utent għas-***servizzi tas-sikurezza tal-GMES***, li jinvolvu lil min ifassal il-politika u utenti potenzjali, kif ukoll fornituri u żviluppaturi ta' dejta. Wara workshop organizzat mill-Istitut għall-Istudji ta' Sikurezza f'Ġunju 2007 f'Pariġi, ġew identifikati l-oqsma ewlenin li ta' min jesplora: *Sorveljanza tal-Fruntieri*[5]*, Sorveljanza Marittima*, u *Appoġġ għall-Azzjoni Esterna tal-UE*. Azzjoni orizzontali dwar *is-Sikurezza tat-Tagħrif* qiegħda tiġi segwita sabiex jitħejja pjan ta' implimentazzjoni għall-iskambju tad-dejta fil-qasam tas-sikurezza.

Sabiex jiġu indirizzati l-kapaċitajiet u l-ħiliet kumplessi meħtieġa għall-forniment ta' dejta relatata mas-sikurezza u s-servizzi għadd ta' proġetti pilota u bi prova diġà ġew implimentati jew imnedija taħt il-Programmi Komunitarji ta' Riċerka u l-ESA GSE, bil-parteċipazzjoni taċ-Ċentru Satellitari tal-UE. Eżempju huwa l-proġett ta' Sorveljanza Marittima LIMES[6], li li jirreaġixxi wkoll għar-rekwiżiti ta' Politika Marittima tal-UE.

Fid-dawl ta' koordinament imtejjeb bejn attivitajiet spazjali relatati maċ-ċivil, mas-sikurezza u mad-difiża, is-servizzi tal-Kummissjoni Ewropea u s-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-UE waqqfu **djalogu strutturali**, li jinvolvi wkoll l-Aġenzija Ewropea tad-Difiża (EDA) u ċ-Ċentru Satellitari tal-UE. L-għan huwa l-iskambju ta' tagħrif u l-ottimizzazzjoni tas-sinerġiji bejn il-bosta attivitajiet u programmi tal-bosta atturi, fil-kuntest tal-ESDP u Politiki oħrajn tal-UE.

Kwistjonijiet ewlenin għal quddiem:

- Jitkompla d-djalogu soċjali bejn is-servizzi u l-aġenziji rilevanti tal-UE fid-dawl tal-ħolqien tas-sinerġiji bejn l-attivitajiet u l-programmi varji tal-atturi;
- Titkompla l-identifikazzjoni tar-rekwiżiti tal-utent għas-servizzi tas-sikurezza GMES, li tinvolvi utenti potenzjali, min ifassal il-politika, fornituri ta' dejta u żviluppaturi tas-sistemi, akkumpanjati minn ittestjar ulterjuri u proġetti pilota skont il-programmi rilevanti.

---

5 B'reazzjoni wkoll għall-ħolqien ta' Sistema Ewropea ta' Sorveljanza tal-Fruntieri (EUROSUR)

6 Sorveljanza Integrata tal-Art u l-Baħar għall-Ambjent u s-Sigurtà

3. FONDAZZJONIJIET FL-ISPAZJU

3.1. Xjenza u Teknoloġija

L-UE, l-ESA u l-Istati Membri tagħhom għarfu l-**bżonn li jkomplu jinvestu** bil-qawwi biex jibqgħu fuq quddiem **fejn tidħol ix-Xjenza u t-Teknoloġija relatata mal-ispazju**. Dan huwa rifless fil-programmi rilevanti tal-ESA kif ukoll fil-programm ta' riċerka tal-UE (FP7).

It-tisħiħ tal-fondazzjonijiet tax-xjenza u t-teknoloġija tal-ispazju ġie inkluż speċifikatament fl-FP7 tal-UE. Koordinament bejn l-FP7 tal-UE u l-programm teknoloġiku tal-ESA ssaħħaħ sostanzjalment matul is-sena li għaddiet.

L-Ewropa tkompli tkun ambizzjuża f'dak li għandu x'jaqsam mal-innovazzjoni, l-identifikazzjoni ta' teknoloġiji kritiċi u l-garanzija tal-finanzjament tagħhom, filwaqt li tikkontrolla mill-qrib it-trasferimenti tat-teknoloġija, kemm għal raġunijiet ta' sikurezza kif ukoll għal raġunijiet kummerċjali. Il-Kummissjoni Ewropea, l-ESA u l-EDA qegħdin jikkooperaw mill-qrib fuq dan il-proġett. Avveniment konġunt biex iqajjem kuxjenza politika għad-definizzjoni ta' approċċ armonizzat madwar l-Ewropa dwar Teknoloġija Kritika għan-Nuqqas ta' Dipendenza Ewropea fl-ispazju huwa skedat għad-9 ta' Settembru 2008. L-ESA se tipproponi lill-Kunsill Ministerjali tagħha f'Novembru 2008, element ta' programm relatat mat-teknoloġiji kritiċi tal-ispazju, nuqqas ta' dipendenza strateġika Ewropea u kompetittività industrijali.

Il-Programm Xjentifiku obbligatorju tal-ESA se jtemm l-ewwel Pjan fit-Tul ta' 20 sena tiegħu, li beda fl-1984 bl-isem "Horizon 2000", meta jiġu llanċjati fil-bidu tal-2009 l-Osservatorju Spazjali "Herschel" u l-vettura spazjali "Planck" minn lanċatur Ariane-5. Għadd kbir ta' satelliti xjentifiċi u teleskopji spazjali ġew illanċjati skont il-Pjan, fosthom NEWTON u INTEGRAL[7].

Kwistjonijiet ewlenin għal quddiem:

- Iż-żamma ta' impenn u investiment fi xjenza u teknoloġija relatata mal-ispazju;
- Id-definizzjoni ta' approċċ madwar l-Ewropa dwar it-Teknoloġija Kritika għan-nuqqas ta' dipendenza Ewropea fit-teknoloġija spazjali. L-ESA se tibgħat proposta ta' programm relatat mal-Kunsill Ministerjali 2008 tagħha.

3.2. Aċċess għall-ispazju

Aċċess indipendenti, affidabbli u effettiv fl-infiq għall-ispazju huwa ta' importanza vitali għall-implimentazzjoni tal-ESP.

Progressivament se ssir disponibbli medda flessibbli ta' lanċaturi permezz ta' operatur uniku miċ-Ċentru Spazjali ta' Guyana, bil-lanċatur Vega żviluppat mill-ESA u l-lanċatur Russu Soyuz, illi se jingħaqdu ma' Ariane 5. Barra minn hekk, bosta satelliti Ewropej ta' daqs medju jiġu llanċjati minn lanċaturi Russi mill-port spazjali ta' Baikonour.

---

[7] Bil-mira, partikolarment, tal-ġbir ta' evidenza tal-oġġetti responsabbli għall-produzzjoni tal-antimatter u l-ewwel sejba tal-'cosmic web' li ilu jiġi mfittex.

Fl-2006-2007, Arianespace qiegħed total ta' 22 satellita ta' telekomunikazzjoni fl-orbita permezz ta' ħdax-il lanċament Ariane 5, li ġarrew 80% tas-satelliti kummerċjali kollha fl-2007. Għall-2008 huma ppjanati seba' lanċamenti oħra.

Kwistjonijiet ewlenin għal quddiem:

- Li l-Ariane jibqa' s-servizz ta' llanċjar kummerċjali ta' referenza fis-suq kontra r-rati tal-kambju sfavorevoli ta' bħalissa bejn id-Dollaru Amerikan u l-Euro hija sfida maġġuri għall-Ewropa. Dan hemm bżonn li jiġi indirizzat matul l-2008;
- L-ESA qiegħda tħejji xenarji għall-ġenerazzjoni ta' lanċaturi li jmiss.

3.3. Esplorazzjoni tas-Sistema Solari, l-Istazzjon Spazjali Internazzjonali u Titjiriet Spazjali tal-Bnedmin

L-ESA u għadd ta' Stati Membri kellhom rwol kruċjali fid-definizzjoni ta' Strateġija internazzjonali tal-Esplorazzjoni Spazjali Globali u fit-tħejjija tal-qafas għall-koordinament internazzjonali tan-nazzjonijiet li jesploraw l-ispazju permezz tal-Grupp ta' Koordinament tal-Esplorazzjoni Spazjali Internazzjonali (ISECG). Ġew illanċjati u qed jitħejjew għadd ta' missjonijiet Ewropej importanti.

Il-missjoni ExoMars tal-ESA evolviet b'mod sinifikanti f'missjoni ta' esplorazzjoni ta' Mars[8] ta' rendiment għoli. Ftehimiet ta' kooperazzjoni ġew stabbiliti bejn l-ESA u n-NASA sabiex tissaħħaħ il-qawwa tal-missjoni u l-valur xjentifiku tagħha. B'mod parallel, ġie konkluż ukoll ftehim mal-Aġenzija Spazjali Federali Russa għall-kooperazzjoni mal-missjoni Russa ta' ritorn ta' kampjun minn Phobos, qamar ta' Mars.

Il-Programm tal-Istazzjon Spazjali Internazzjonali (ISS) miexi lejn l-istadju ta' 'Assemblaġġ Komplut' sal-2010, b'ekwipaġġ ta' sitt persuni ppjanat sa Mejju 2009. Il-faċilità toffri opportunitajiet uniċi għal riċerka fundamentali u applikata. Parteċipazzjoni Ewropea bl-illanċjar b'suċċess ta' Node2[9] f'Ottubru 2007, il-laboratorju Columbus fi Frar 2008, il-Vettura ta' Trasferiment Awtomatizzata (ATV-1) "Jules Verne" f'Marzu 2008, kif ukoll il-preżenza ta' membri tal-ekwipaġġ Ewropej, jiżgura rwol Ewropew viżibbli f'din l-intrapriża. Dawn is-suċċessi kkonfermaw il-kapaċità tal-Ewropa biex tagħmel kontribuzzjonijiet sinifikanti għall-esplorazzjoni spazjali globali, u wkoll biex tespandi r-rwol tagħha lil hinn mil-livell tagħha ta' 8 fil-mija tal-parteċipazzjoni fl-ISS. Issa wasal iż-żmien li nibdew ingawdu l-frott tal-investimenti fit-tul għall-progress xjentifiku u għat-tħejjija tal-esplorazzjoni tas-Sistema Solari. Madankollu, l-esplorazzjoni tal-ispazju titlob riżorsi sostanzjali ħafna u għalhekk għandu jkun proġett internazzjonali.

Kwistjonijiet ewlenin għal quddiem:

- Ir-riżorsi importanti neċessarji għall-esplorazzjoni tal-ispazju jitolbu impenn qawwi mill-Ewropa biex tiddefinixxi l-kontribut tagħha u tgħaqqad ir-riżorsi tagħha biex toffri kontribut Ewropew koerenti u effiċjenti għal din l-inizjattiva globali;

---

8 L-ewwel missjoni fil-Programm ta' Esplorazzjoni Aurora tal-ESA.

9 Hija pprovdiet il-punt ta' interkonnessjoni bejn il-US Destiny, l-ESA Columbus u l-laboratorju Kibo Ġappuniż u għalhekk issemmiet 'Harmony'

- Il-Kummissjoni Ewropea biħsiebha tmexxi dibattitu politiku biex tivvaluta l-kontribut potenzjali tal-UE għal din l-intrapriża.

4. INDUSTRIJA SPAZJALI EWROPEA KOMPETITTIVA

Is-**suq spazjali kummerċjali** ħoloq katina ta' valur sinifikanti f'servizzi derivati, imma pproduċa wkoll benefiċċji soċjo-ekonomiċi u indiretti. **Impenji pubbliċi** huma madankollu meħtieġa biex tinħoloq massa kritika li tistimula investiment pubbliku u privat ulterjuri. L-inizjattivi Ewropej **GALILEO u GMES se joħolqu opportunitajiet sinifikanti** għal applikazzjonijiet u servizzi mmexxija minn min jużahom u jikkontribwixxu għall-emerġenza ta' **swieq Ewropej fil-livelli suċċessivi.**

L-evoluzzjoni ta' ħtiġijiet tal-utenti Ewropej titlob l-iżvilupp ta' sistemi spazjali integrati, li bla ebda xkiel jorbot it-telekomunikazzjonijiet tas-satelliti u dawk terrestri, il-pożizzjonament u l-monitoraġġ f'oqsma ta' valur strateġiku, ekonomiku u/jew għas-soċjetà. L-iżvilupp ta' servizzi GMES u GALILEO kif ukoll l-integrazzjoni tagħhom ma' komunikazzjonijiet satellitari ġiet appoġġjata taħt il-programmi qafas tal-KE għall-RTD. L-ESA qiegħda tiżviluppa proposta għal programm ta' Promozzjoni tal-Applikazzjonijiet Integrati (IAP), maħsub biex irawwem sistematikament l-użu ta' teknoloġiji spazjali integrati, f'firxa wiesgħa ta' servizzi operattivi.

L-ESP enfasizza l-bżonn għal politika industrijali li tqis l-ispeċifiċitajiet tas-settur spazjali. Il-qafas regolatorju huwa element kruċjali għal kwalunkwe politika industrijali. Il-Kummissjoni Ewropea bdiet proċess ta' konsultazzjoni mal-industrija biex jiġu identifikati l-bżonnijiet tagħha għal azzjoni regolatorja u/jew deregolatorja fil-qasam tal-ispazju. Barra minn hekk, hija tat mandat lill-Kumitat Ewropew tal-Istandardizzazzjoni (CEN) biex iwettaq valutazzjoni ta' bżonnijiet ta' standardizzazzjoni futuri tas-settur tal-ispazju u biex tistabbilixxi proposta ta' programm ta' standardizzazzjoni għall-ispazju. Bħala bidu, studju ta' fattibilità, ippreżentat f'Ġunju 2008, identifika dawk is-setturi speċifiċi li se ssirilhom analiżi dettaljata tal-ħtiġijiet.

Minħabba l-esperjenza stabbilita fis-settur tal-komunikazzjonijiet satellitari, l-ESA qiegħda tikseb dejjem iktar suċċess fl-introduzzjoni ta' sħubijiet pubbliċi-privati fil-programmi ta' żvilupp tagħha, fosthom offerti għal ħlasijiet ta' missjonijiet rilevanti minn Operaturi Satellitari privati interessati.

Kwistjonijiet ewlenin għal quddiem:

- Il-promozzjoni ta' integrazzjoni ulterjuri ta' servizzi ta' osservazzjoni, navigazzjoni u komunikazzjoni kemm terrestri kif ukoll satellitari biex isaħħu s-swieq suċċessivi Ewropej għall-applikazzjonijiet u s-servizzi.
- L-iżvilupp ta' politika industrijali li tqis l-ispeċifiċitajiet tas-settur tal-ispazju u l-istimolu tal-innovazzjoni u l-kompetizzjoni filwaqt li tappoġġja l-industrija biex iġġestixxi varjazzjonijiet ċikliċi għoljin mitluba, għall-investiment fit-teknoloġija u biex tiġi żgurata ż-żamma ta' teknoloġiji kritiċi.
- It-tlestija tal-analiżi tal-ħtiġijiet li għaddejjin għal azzjoni regolatorja u/jew deregolatorja fil-qasam tal-ispazju, kif ukoll rekwiżiti ta' standardizzazzjoni futuri. It-tħejjija ta' programm ta' standardizzazzjoni.

5. GOVERNANZA

5.1. Qafas istituzzjonali u finanzjarju

Il-Ftehim Qafas bejn il-Komunità Ewropea u l-ESA daħal fis-seħħ fl-2004 u ġie estiż fl-2008 għal erba' snin oħra sal-2012. L-effettività tagħha se tibqa' taħt reviżjoni.

Dan il-qafas istituzzjonali għall-ispazju għandu jkompli jħaddan attivitajiet li fihom l-Istati Membri jkunu jistgħu jieħdu sehem jekk iridu skont l-arranġamenti intergovernattivi, filwaqt li, barra minn dan, jirrikorru għar-riżorsi mir-riċerka u, jekk meħtieġ, għall-baġits Komunitarji operattivi.

Il-Kummissjoni Ewropea nediet sejħa għall-offerti għal studju tal-esperti biex jiġu analizzati l-kundizzjonijiet qafas li jaffettwaw is-settur spazjali Ewropew. Din l-analiżi se tiffoka partikolarment fuq l-istrumenti finanzjarji u l-iskemi meħtieġa għal attivitajiet spazjali fit-tul fl-Ewropa u kwistjonijiet regolatorji ewlenin li jaffettwaw is-settur spazjali Ewropew.

Kwistjonijiet ewlenin għal quddiem:

- L-UE u l-ESA jridu jippruvaw li jkollhom kooperazzjoni iktar effiċjenti, ibbażata fuq il-Ftehim Qafas, filwaqt li jiġu esplorati l-bżonn u l-mekkaniżmi għal adattamenti futuri;
- Jiġi indirizzat il-qafas programmatiku, finanzjarju u istituzzjonali futur (governanza) għall-attivitajiet spazjali Ewropej;
- Jiġi ttrattat il-bżonn li jiġu żgurati servizzi sostenibbli permezz ta' finanzjament Komunitarju operattiv għall-applikazzjonijiet spazjali.

5.2. Programm Spazjali Ewropew

L-ewwel elementi ta' Programm Spazjali Ewropew, li għandu jinkludi l-attivitajiet programmatiċi Ewropej u nazzjonali importanti kollha, intbagħtu mill-Kummissjoni Ewropea u l-ESA flimkien mal-ESP f'April 2007.

Il-Programm Spazjali Ewropew huwa l-implimentazzjoni prattika tal-ESP li s-suċċess tiegħu iserraħ fuq approċċ koordinat Ewropew għall-attivitajiet spazjali. Il-Programm Spazjali Ewropew se jiġi żviluppat ulterjorment fl-2009, permezz tal-Grupp Politiku Spazjali ta' Livell Għoli, abbażi ta' rakkomandazzjonijiet minn grupp ta' ħidma *ad hoc* magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri.

5.3. Relazzjonijiet Internazzjonali

Bl-għan inizjali ewlieni li jitjiebu t-trasparenza u l-koordinament fost il-partijiet interessati tal-ESP, is-Segretarjat Konġunt tal-KE-ESA, flimkien mal-Istati Membri u l-EUMETSAT, żviluppaw ***'Elementi għal Strateġija Ewropea għal Relazzjonijiet Internazzjonali fl-Ispazju'*** (**annessi**).

Dan id-dokument jenfasizza l-bżonn u x-xewqa tal-partijiet interessati Ewropej involuti fl-ispazju biex **jitkellmu b'leħen wieħed fix-xena internazzjonali**. Huwa għandu l-għan li jistabbilixxi prinċipji komuni filwaqt li jipprovdi għodda li tippermetti lill-partijiet interessati

tal-ESP biex **jaqsmu u jiskambjaw tagħrif** dwar l-attivitajiet tagħhom u l-prijoritajiet rilevanti u **jikkoordinaw l-azzjonijiet tagħhom**. Id-dokument jistipula li kooperazzjoni internazzjonali fl-ispazju trid tkun **koerenti mal-prijoritajiet ta' politika esterna tal-UE**, eż. billi jużaw il-potenzjal ta' sistemi spazjali għall-iżvilupp sostenibbli, b'mod partikolari fl-Afrika. Kooperazzjoni internazzjonali trid tkompli tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni prattika ta' programmi spazjali Ewropej.

Kwistjonijiet ewlenin għal quddiem:

- L-iżvilupp ulterjuri tat-trasparenza, l-iskambju tal-informazzjoni u l-koordinament dwar l-attivitajiet ta' kooperazzjoni Internazzjonali relatati mal-ispazju tal-UE, l-ESA, l-Istati Membri u l-EUMETSAT, b'konformità mal-'Elementi għal Strateġija ta' Relazzjonijiet Internazzjonali';
- It-tkomplija tax-xogħol dwar l-elaborazzjoni futura ta' Strateġija ta' Relazzjonijiet Internazzjonali tal-ESP, inklużi strateġiji speċifiċi għall-GMES u GALILEO.
- It-tisħiħ ulterjuri tal-koerenza bejn ESP, kooperazzjoni internazzjonali fl-ispazju u l-politiki esterni tal-UE.

6. KWISTJONIJIET EMERĠENTI

6.1. Kodiċi ta' Mġiba tan-NU għal attivitajiet fl-ispazju

Fid-dawl tan-natura globali tal-attivitajiet tal-ispazju u fl-interess tas-sostenibilità ta' attivitajiet u infrastruttura spazjali, l-UE qiegħda tħejji abbozz ta' kodiċi tal-imġiba / linji gwida għall-attivitajiet fl-ispazju għall-kunsiderazzjoni tal-entitajiet rilevanti tan-NU, ibbażati fuq il-prinċipji tal-aċċess liberu għall-ispazju għall-esplorazzjoni paċifika u l-użu; preservazzjoni ta' sikurezza u integrità tas-satelliti fl-orbita u d-dritt ta' awtodifiża leġittima mill-istati.

Kwistjonijiet ewlenin għal quddiem:

- It-tkomplija ta' sforzi tal-UE biex tissaħħaħ il-bażi għas-sostenibilità tal-attivitajiet fl-ispazju u oġġetti fi ħdan in-NU.

6.2. Sikurezza ta' infrastruttura spazjali u Kuxjenza tas-Sitwazzjoni fl-Ispazju

Kwalunkwe xkiel fid-disponibilità u t-tħaddim ta' sistemi bbażati fl-ispazju llum jista' jkollu konsegwenzi sinifikanti fuq is-sikurezza, is-sigurtà u l-attivitajiet ekonomiċi. Għalhekk huwa kruċjali li tinftiehem u tiġi sorveljata l-popolazzjoni tal-oġġetti spazjali, l-ambjent tal-ispazju nnifsu, u l-potenzjal ta' theddid eżistenti u riskji lis-sistemi spazjali, magħrufa kollettivament bħala Kuxjenza tas-Sitwazzjoni fl-Ispazju (SSA). S'issa l-Ewropa m'għandhiex il-kapaċità indipendenti tagħha u hija parzjalment dipendenti fuq id-dejta tal-Istati Uniti biex tissorvelja l-popolazzjoni tal-oġġetti fl-ispazju.

Minħabba f'hekk, l-ESA bħalissa qed tħejji proposta għall-programm bil-ħsieb li tinħoloq kapaċità Ewropea ta' SSA. Gwida dwar il-bżonnijiet u r-rekwiżiti għal sistema bħal din ġiet ipprovduta minn grupp ta' utenti li jirrappreżentaw il-komunitajiet tal-utenti (ċivili, militari, operaturi, kumpaniji tal-assikurazzjoni, il-komunità xjentifika, u istituzzjonijiet oħrajn). L-EDA ħoloq tim għall-proġett inkarigat li jiddefinixxi r-rekwiżiti SSA relatati mal-ESDP sal-2009.

Il-proposta attwali tal-ESA tistipula li sistema bħal din tkun ibbażata fuq il-federazzjoni ta' proprjetajiet Ewropej eżistenti fuq l-art u kooperazzjoni ta' partijiet spazjali disponibbli, supplimentati mill-applikazzjoni ta' infrastrutturi ġodda fuq l-art, ċentri tad-dejta u servizzi prekursuri bbażati fl-ispazju. L-ESA qiegħda tiddiskuti mal-Istati Membri tagħha r-riżultati ta' studju dwar 'politika ta' dejta u Governanza SSA'. Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-UE, il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri tal-UE se jkunu involuti f'din id-diskussjoni, li tinkludi implikazzjonijiet internazzjonali, bil-ħsieb ta' finanzjament ta' soluzzjoni aċċettabbli minn kulħadd.

Kwistjonijiet ewlenin għal quddiem:

- L-ESA u l-Kummissjoni Ewropea se jkomplu jidentifikaw it-theddid potenzjali għat-tħaddim tas-sistemi bbażati fl-ispazju u l-mod ta' kif tissorveljahom, li potenzjalment jista' jwassal għall-ħolqien ta' kapaċità ta' Kuxjenza tas-Sitwazzjoni fl-Ispazju Ewropea, ibbażata fuq proposta tal-programm tal-ESA.

ANNEX

Elements for a European Strategy for International Relations in Space

I. BACKGROUND

Europe must remain a leader in space systems and an indispensable international partner providing first class contributions to global initiatives and exerting leadership in selected domains in accordance with European interests and values.

The European Space Policy has identified that, in order for Europe to respond to global challenges and to play a global role, the strategic mission of space activities in Europe must be to seek:

- to develop and exploit space applications serving Europe's public policy objectives and the needs of European enterprises and citizens, including in the field of environment, development and global climate change;
- to meet Europe's security and defence needs as regards space;
- to ensure a strong and competitive space industry which fosters innovation, growth and the development and delivery of sustainable, high quality, cost-effective services;
- to contribute to the knowledge-based society by investing strongly in space-based science, and playing a significant role in the international exploration endeavour; and
- to secure unrestricted access to new and critical technologies, systems and capabilities in order to ensure independent European space applications.

The impact assessment done by the European Commission [10] for the European Space Policy concluded that cooperation with key international partners is indispensable to the delivery of many of these objectives. Further refinement of the International Strategy will make use of the analyses performed annually by ESA on the global space sector and on the European space sector in the global context.

Optimal results in such cooperation can be achieved through an improved coordination of international cooperation activities across Europe and the sharing of resources in the best way.

International cooperation, embedded in the EU's external relations, can also serve as a market-opener for the promotion of European technology and services in the space field and in this way reinforce this strategic industrial sector. In addition, it can support the promotion of the values as they have developed for Europe through projects focused on environmental protection, climate change, sustainable development, education, access to knowledge/data for support of the infrastructure of developing countries, and humanitarian actions.

The May 2007 Space Council Resolution on the European Space Policy, invited *'...the European Commission, the ESA Director General and the Member States to develop and*

[10] SEC (2007) 506 / supported by an external expert study.

pursue a joint strategy and establish a coordination mechanism on international relations. This strategy should be consistent with Member State activities and is aimed at strengthening Europe's role in the global space field and at benefiting from international cooperation, notably with respect to issues listed in Annex 3 [to the Resolution].'

The present European Strategy for International Relations in Space shall provide for a tool to enable stakeholders under the European Space Policy to coordinate actions and share information and resources and to define their relevant priorities in terms of actions and international partners and their respective roles.

II. PRINCIPLES

- International cooperation on space is not a goal in itself. The fundamental principle underlying cooperation is that it must **serve the interests of** Europe while enabling it to **contribute to global initiatives**. It must contribute to the implementation of European Policy objectives, for example in the areas of environment, transport and agriculture, in coherence with European values.

- It must equally **contribute to** the practical implementation of **European space programmes**, through the optimisation of the available technical and financial resources.

- It needs to be **coherent with and support the implementation of the EU external and trade policy** priorities through greater systematic integration of space based applications and services into European foreign policies, whether at EU level, or nationally in coordination.

- It must seek to enhance the **European space industry competitiveness** in order to give the EU autonomous and independent decision making and policy implementation capabilities. Depending on the specific objective, and given the availability of European resources and capacities, a **right balance** has to be found in each case between cooperation and the **sharing of resources** among international partners, on the one side, and the creation and enhancement of **autonomous European capacities**, on the other side, through the **development** of European **space based and space related assets** and infrastructure, including technologies.

- Europe can cooperate in a substantial way with a limited number of parties. While dialogue and exchange of information could involve all partners with a substantial interest in space, practical international **cooperation at a European level** has **to follow priorities** set on the basis of the principle of **mutual benefit** and driven by **political, programmatic and budgetary considerations.**

- In pursuing international cooperation objectives and activities, European stakeholders are committed to fully comply with UN Treaties and Conventions, specifically those designed to address activities in outer space.

III. OBJECTIVES

The priority objectives of the European Strategy for International Relations in Space are to:

- Create synergies and complementarities between European services (notably **GMES** and **GALILEO**), their **international dimension**, and key strategic policy objectives and demands of the European Union. Ensure EU autonomous capacity as well as interoperability, cooperation and exchange with global, regional and national services run by relevant international partners.

- Reinforce the **contribution** of Europe **to global initiatives**, such as through the development of GMES as European contribution to worldwide efforts in establishing a **Global Earth Observation System of Systems** (GEOSS), as well as through the Global Exploration Strategy (GES) Group. Make full use of the potential of European space systems for the relevant EU policies on addressing **Global challenges**, notably **sustainable development, humanitarian aid** and **climate change**.

- Define a coherent European **data policy** in view of cooperation with international partners on the use of space based applications and services and relevant data exchange, to maximise the public interest.

- Contribute to **innovation** through international cooperation in **space science**, space related research, space based applications and **space exploration**, including enabling Europe to participate in ambitious programmes the cost of which is too great for any one space power. Seek to create synergies and coherence between different technology and research programs.

IV. METHODOLOGY

Coordination mechanism

- The European Commission, ESA, EUMETSAT and Member States will **exchange information** and consult each other on ongoing and planned major international cooperation activities related to space. The High-level Space Policy Group (HSPG) is to give general guidance on the coordination of international relations.

- The EC-ESA **Joint Secretariat** will provide for the necessary practical coordination, annual update, and access to the provided information, including through the setting-up of an **e-information-network for international relations**[11]. All stakeholders will inform partners through the Joint Secretariat / e-network about their major cooperation activities (e.g. conclusion or revision of important cooperation agreements or projects). Member States will receive regular progress reports at HSPG or Space Policy Expert Group meetings.

- In full coherence with the general targets set by this strategy, the European Commission and ESA will undertake a regular analysis in order to define their

[11] Consisting of a network of e-mail contact points coordinated by the Joint Secretariat.

individual programmatic needs for concrete international cooperation actions, based also on relevant existing and planned specific strategy and programme documents.

- The coordination mechanism will rely on the existing structures for international relations within EU and ESA, notably the relevant geographical or thematic EU Council groups and the ESA International Relations Committee (IRC) with their established responsibilities. Established competencies of the EU Council and Presidency in representing and coordinating EU positions in international relations in general, together with the European Commission, will be fully respected.

- Europe will be in a better position to achieve its jointly formulated objectives when **coordinating** actions and **speaking with one voice** on the international scene. The coordination of **dialogue and cooperation** on space **with international partners** will be based on an agreed set of priorities in terms of partners and activities, and the respective roles. The EU will take the lead in the overall representation of applications programmes for its policies (in particular GALILEO / EGNOS, GMES and joint EU-Africa Partnership on Science, Information Society and Space[12]), while the European Space Agency will take the lead in the overall representation of Europe on programmes in the areas of science, exploration, launchers, technology and human spaceflight, each in consultation with the other and with Member States and, as appropriate, other relevant European partners such as EUMETSAT.

Coordination in a multilateral context

- EU and ESA Member States will increase their coordination in the framework of **international organisations** and **multilateral space cooperation**, including the relevant **UN** bodies. Together with the ESA Executive and the European Commission, they aim at an improved and consistent coordination of their positions prior to international meetings. The ESA Executive and the European Commission will propose those topics for which a common European position could be envisaged. Key thematic areas for such coordination could include:

  - The peaceful use of outer space.
  - The mitigation of space debris, the protection of space infrastructure and potential hazards from space.
  - nuclear power sources
  - disaster management
  - GNSS
  - International space law

  Prior to United Nations Committee on the Peaceful Uses of Outer Space (UNCOPUOS) meetings, ESA and the European Commission will organise a coordination session with participating ESA and EU Member States to decide on such common positions.

---

[12] endorsed by the December 2007 EU-Africa Summit in Lisbon in the framework of the EU-Africa Joint Strategy and Action Plan

- Where appropriate, the European Commission and the EU Council Secretariat will consult ESA on EU initiatives on space related issues within the UN framework, notably the **General Assembly and its First Committee** (Disarmament and International Security).

Coordinated Space Dialogue with international partners

- The European Commission and the European Space Agency will **jointly represent** Europe in a **structured space dialogue and cooperation** with the **strategic partners, U.S.** and **Russia**. They will ensure a shared co-leadership on the different topics, in line with their political, programmatic and financial responsibilities. They will be accompanied by EUMETSAT where appropriate. Dialogues with other international partners could be envisaged, following a proper assessment of needs and benefits, notably in terms of the development of a mutually beneficial cooperation, and the identification of other potential strategic partners.

- The European Commission and ESA will **coordinate** their **dialogue and cooperation** activities on space **with other established and emerging space powers**, and provide regular information to each other, and to the HSPG. Particular attention should be paid to countries covered by the European Neighbourhood Policy.

- The implementation of the **joint EU-Africa Partnership on Science, Information Society and Space** will require the establishment of a Space Applications Working Group to be set up by the EC and the African Union Commission, with ESA and EUMETSAT participation. Priority actions and projects will be based on requirements laid down by African stakeholders, through the African Union Commission. The first such priority identified in the Lisbon Declaration of December 2007 is the preparation of an **Action Plan on GMES and Africa.** EU and ESA Member states will be invited to play an active role, including through their national policy instruments.